# QORTI TAL-APPELL
## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CĦETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTĦONY ELLUL

Rikors Numru **155/2012**

**Godfrey Ciangura**

**vs**

**Ministeru tal-Intern u Affariijiet Parliamentari u l-Kumitat tas-Sigurta' tal-Avjazzjoni**

Numru 2

Illum 15 ta' Jannar 2024

**Il-Qorti**;

Din hi talba għal referenża Kostituzzjonali magħmula wara appell preżentat mill-attur appellant dwar jekk in-nuqqas ta' interpellanża permezz ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 460(1) tal-Kap. 12 qabel inbdiet il-kawża fl-ismiijiet premessi ħix lesiva tal-artikolu 6(1) tal-Konvenżjoni u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-ewwel Qorti iddeċiediet illi l-azzjoni attriċi kienet nulla għaliex l-attur naqas li jibgħat ittra uffiċjali kif irid l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12 qabel fetaħ il-kawża kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti opponew għal din it-talba.

Il-Qorti taqbel mal-konvenuti illi referenża kostituzzjonali ma hix meħtieġa f'dan il-każ billli huma stess jistqarru l-Qorti Kostituzzjonali gia esprimiet il-pożiżżjoni legali rigward dan l-artikolu fil-kawza Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministru għal-Għawdex et deċiża fl-20 ta' Lulju 2020 u għalhekk din il-Qorti gia għandha riga fuq hiex tkejjel l-appell tal-attur. Ma hemm ebda kwistjoni gdida x'tigi determinata iżda applikazzjoni tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali għal fattespeċie singolari ta' kull każ.

**Deċide**

Għalhekk it-talba għal referenża Kostitużżjonali qed tigi miċħuda. Spejjeż għal gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |